MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2011

Numru 790/2010

Il-Pulizija
(Spettur Daniel Zammit)

vs

Joseph Taliana

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta numru ta' identita' numru 511385M, akkuzat talli bejn Frar 2010 u Lulju 2010 gewwa Paceville, San Giljan u gewwa dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoniji tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Ikkommetta serq minn gewwa l-hanut 'BarNative' sitwat f'St. Rita Steps, Paceville, San Giljan, ghad-dannu tas-sidien u diretturi tal-istess kumpanija, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-valur li jaqbes l- €2,329.37.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuza kif dedotta.

Rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268(a), 279(b), 280(a) tal-Kap 9. Osservat li l-fedina penali tal-imputat hi netta u li qieghed jirrisarcixxi l-ammont misruq.

Tiddeciedi li ghal din id-darba tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 u 24 tal-Kap 446 ghal perjodu ta' sena mill-lum. Ittieh zmien sena biex ihallas l-kumplament lill-parte civile.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------